

*L-Istatwa ta' San Mikiel, Il-Girgenti.*

Kienet il-Madonna stess li qalet lil Ġuża biex twaqqaf is-Salib u l-istatwa ta' San Mikiel, il-Girgenti.

M'hemmx bżonn infakkru lill-qarrejja tagħna, li llum aktar minn qatt qabel hemm bżonn ta' l-għajnuna ta' San Mikiel minħabba s-sataniżmu li daħal f'Malta, bil-quddiesa s-sewda u ż-żebliħ ta' l-Ekwaristija Mqaddsa biex ma nsemmux il-livell baxx tal-moralità li sar ħawn. It-Tesserati għandhom ikunu minn ta' l-ewwel li jgħidu din it-talba kuljum.

---

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press - Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 14 APRIL 1993 JITQASSAM BLA ĦLAS

## ANNIVERSARJI

Tajjeb li kultant niftakru fil-ġrajjiet ewlenin tal-imgħoddi u nippruvaw nifhmu x'ifissru fl-istorja twila tal-Ġrajjiet tal-Girgenti.

– Pass importanti 'l quddiem kien meta Ġuża, bil-parir ta' Mons. Salv. Grima, fetħet il-bieb tad-dar tagħha, is-Siġġiewi, fl-1981, għan-nies, u bdiet ixxerred l-aħbar tad-dehriet tal-Madonna u l-messaġġi tagħHa. Kienu jinġabru ħafna nies għandha u jitolbu flimkien quddiem l-inkwadru tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Hekk kien li bdew jinqalgħu grazzji kbar.

– It-tieni pass kien meta fil-5 ta' Mejju 1986, sar l-ewwel pellegrinaġġ għall-Girgenti fejn Ġuża kien kellha dehriet tal-Madonna u oħrajn. Eluf attendew, kif juru r-ritratti li ttieħdu dakinhar. Id-dar ta' Ġuża, għalkemm kienet veru santwarju tal-Madonna, qatt ma setgħet tesa' dawk in-nies kollha li kienu saru jafu bil-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Ma' dan il-pellegrinaġġ ittellgħet l-istatwa tal-Madonna, kif kienet ratha Ġuża l-Girgenti. Saret l-ewwel laqgħa ta' talb li bħalha baqgħu jsiru kull xahar minn dakinhar sallum. Ġeneralment ikun l-ewwel Ħadd tax-xahar; u dawn il-laqgħat jibqgħu jsiru anke meta Ġuża ma tkunx iktar magħna; għax hemm bżonn it-talb u l-penitenza.

– Għaddew sentejn mill-ewwel pellegrinaġġ. F'dan iż-żmien Ġuża ma qatgħetx qalbha twissina kontra d-dagħa, il-mibgħeda ta'

bejnietna, u d-diżonestà. Il-Madonna trid il-Paċi f'Malta u Għawdex, għax minn Malta l-paċi trid tinfiriex fid-dinja. Ilsna ħżiena ppruvaw ixejnu l-isforzi ta' Ġuża. Imma s-Sema ma damx ma wriena l-verità. It-tmienja ta' Ġunju 1988 kienet ġurnata li qatt ma tista' tintesa. Hekk ukoll il-5 ta' Lulju 1988. Mingħajr ma ħadd kien jobsor x'kien se jsir, in-nies li attendiet għal dawn il-laqgħat ta' talb baqgħu miblugħin meta raw dawk il-fenomeni fix-xemx li se jibqgħu għal dejjem fl-istorja ta' pajjiżna. Għandna aktar minn erbgħin rapport ta' dak li ġara; xi wħud minnhom, l-aktar importanti, huma bl-affidavid, jiġifieri bil-ġurament. In-nies jistgħu jqarrqu; imma l-elementi naturali, bħax-xemx, huma indipendenti mill-bniedem!

– Kienet għadha kemm għaddiet sena minn dawn l-għeġubijiet, meta f'daqqa waħda smajna li l-Presidenti Bush u Gorbachov kienu ġejjin Malta biex jitħaddtu għall-paċi. U l-Paċi minn Malta bdiet, minkejja ta' min ried ifixkel! Dan seħħ f'Novembru 1989.

– Ftit wara l-miġja ta' dawn il-Presidenti, ħsibna noħorġu l-fuljett "Leħen il-Girgenti", biex inżommu kuntatt mad-devoti tal-Madonna u nippubblikaw xi grazzji li jkunu nqalgħu. Issa wasalna fin-numru 14, li jfisser li s'issa xerridna 70,000 kopja li xi wħud minnhom marru f'pajjiżi oħra. Fil-bidu kien hemm min tfantas bihom! Imma llum anke f'xi knejjes tista' ssibhom.

– Xewqa tal-Madonna kienet li l-Girgenti jkun hemm Salib kbir u l-istatwa ta' San Mikiel. Is-Salib tqiegħed fil-bidu ta' Mejju 1992 u tbierek fit-3 ta' l-istess xahar. L-istatwa ta' San Mikiel ġiet imbierka fis-7 ta' Frar 1993 kif irrappurtajna f'dan il-fuljett.

M'hemmx bżonn ngħidu li dan kollu sar u qed isir għall-ikbar glorja ta' Ommna Marija Santissma.

Jalla dak li tixtieq Hi jkompli jseħħ.



# Il-Futur tal-Moviment tagħna

Is-sisien tal-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni huma tlieta: 1) It-Tesserati; 2) Il-Kumitat: 3) L-Istatut.

**It-Tesserati**

Dawk kollha li applikaw biex ikunu membri tal-Moviment ġew mogħtija tessera ta' sħubija; għalhekk huma jissejħu "Tesserati". Huma t-Tesserati li bit-talb, bl-attendenza u l-ħidma tagħhom iridu jġibu 'l quddiem dan il-Moviment.

**Il-Kumitat**

Il-Kumitat jiġi magħżul mit-Tesserati f'laqgħa speċjali, b'vot sigriet. It-Tesserati biss jistgħu jkunu Kandidati għall-elezzjoni u huma biss jistgħu jivvutaw.

**L-Istatut**

L-Istatut huwa ġabra ta' regolamenti li jmexxu lill-Kumitat fil-ħidma kollha tiegħu. Minn żmien għall-ieħor dawn ir-regolamenti jistgħu jiżdiedu jew jinbidlu mit-Tesserati biss, f'Assemblea Ġenerali. L-ewwel waħda saret fis-17 ta' Ġunju 1987, u l-aħħar waħda f'Lulju 1991.

**X'imiss**

Peress li skond l-Istatut, il-Kumitat iservi għal sentejn biss, jeħtieġ li f'Lulju 1993 issir Assemblea Ġenerali fejn jiġu kkonfermati l-Emendi (tibdiliet) ta' l-Istatut u wara ssir l-elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid.

**X'għandek tagħmel**

Kopji ta' l-Istatut se jintbagħtu bil-posta lil dawk it-Tesserati biss li japplikaw għalih billi jagħtu l-indirizz u n-numru tat-tessera tagħhom,

jew lis-Segretarja, jew lill-Editur ta' dan il-fuljett, jew lil xi membru tal-Kumitat.

Jekk int trid toħrog bħala kandidat, jeħtieġ li tgħarraf lil xi ħadd tal-Kumitat, tagħtih ismek, l-indirizz u n-numru tat-tessera tiegħek u ma tinsiex tkun preżenti għall-elezzjoni. Jekk għal xi raġuni serja ma tkunx tista' tattendi trid tgħarraf lill-Kumitat minn qabel. Jeħtieġ li l-membri tal-Kumitat ikunu nies dedikati. M'hemmx lok għal min hu passiv.

**Żomm nota ta' dawn l-indirizzi:**

*L-Editur ta' dan il-fuljett:*
Bro. Victor Privitera, F.S.C., B.A.,
Stella Maris College,
Gżira GŻR 04

*Is-Segretarja tal-Kumitat:*
Dottoressa Sylvana Spiteri, LL.D.,
6/A2, Main Street,
Siġġiewi.

Miss Ġuża Mifsud
16, St. James Street,
Siġġiewi.

## AVVIŻ IMPORTANTI

Fil-5 ta' Mejju se ssir Laqgħa ta' Talb speċjali.

Se jsir pellegrinaġġ minn ħdejn it-Troll sal-post ta' talb ħdejn l-istatwa tal-Madonna.

Mhux se jkun hemm *posters* jew avviżi fil-gazzetti għal din il-laqgħa.



# GRAZZJI MAQLUGĦA

### *Intervista ta' Miss Therese minn Ħal Tarxien.*

F'Ottubru 1992, jien irċevejt ittra qasira fejn ġejt mitlub nagħmel intervista lil Therese li toqgħod Ħal Tarxien u għandha 32 sena. Hi għarrfitni li kellha aħbar importanti x'tagħtini.

Intom tiftakru kif, fit-3 ta' Mejju 1992, aħna ltqajna għal-Laqgħa ta' Talb meta tbierek is-Salib kbir ta' l-injam li tpoġġa l-Girgenti. Therese kienet taf bil-laqgħa u xtaqet tattendi imma ma setgħetx għax kellha toħroġ ma' ommha biex jieħdu lil missierha sa San Anton; imma bis-Salib tal-Girgenti, hi ma kienet taf xejn!

Issa ġara li, kif kienet San Anton, ftakret li dak il-ħin, (kienu xi l-5 p.m.) kienet qed issir il-Laqgħa ta' Talb, il-Girgenti. Ix-xemx kienet qed tiddi mingħajr ebda sħab quddiemha. Therese, kif ftakret fil-laqgħa, dawret għajnejha lejn ix-xemx u b'għaġeb kbir, sabet li setgħet tħares lejha mingħajr inkonvenjent. F'daqqa waħda rat ix-xemx tinbidel: l-ewwel twalet orizzontalment u saret il-mimduda tas-salib, u mbagħad, minn nofs, twalet u saret il-wieqfa tas-salib. Ix-xemx, għalhekk, ħadet is-sura ta' salib kbir jiddi bl-istess dawl u bħax-xemx. Din id-dehra ma dametx wisq, u x-xemx reġgħet ħadet suritha.

Għal mistoqsija jekk qalitx lil xi ħadd b'dak li kienet rat, hi wieġbet li ma qalet lil ħadd għax ħasbet li dawk tal-Girgenti kienu qed jaraw bħalha, dak il-ħin. Xi żmien wara, xi ħadd qalilha biex ma toqgħodx tgħid x'rat u x'ma ratx. Imma hi ħasset li kellha tiżvela dak li kien ġara biex jiġi ppubblikat f'dan il-fuljett.

Ħaġa kurjuża ferm, meta Therese kienet qed tara s-Salib fis-Sema, aħna konna qed inbierku

s-Salib ta' l-injam, il-Girgenti, li bih, Therese, ma kinetx taf!

Xi żmien wara, Therese u xi familjari tagħha marru jżuru l-Madonna tal-Girgenti. Waqt li kienu qed jitolbu waħedhom, raw wiċċ l-istatwa jbiddel il-kulur safrani tiegħu f'lewn sabiħ qisu tal-laħam ħaj; u minn wiċċ qisu mdejjaq sar wiċċ ta' ħniena jħares lejhom bi tbissima ħelwa.

Biex turini l-verità ta' dak li kienet qed tirrakkuntali, Therese ċemplet lill-ħabiba tagħha, u din, Mrs Genoveffa..., ġiet. Mhux biss ikkonfermat dak li qaltli Therese imma rrakkuntatli kif, hi stess kienet qalgħet grazzja kbira mingħand il-Madonna tal-Girgenti.

Din is-sinjura kienet issofri minn pressjoni għolja. Kienet marret għand it-tabib li sabilha pressjoni għolja ħafna, u ta pilloli x'tieħu. Kienu jagħtuha sturdamenti u kellha dwejjaq kbar. Kien ilha xahar sħiħ tiegħu l-mediċina u baqgħet l-istess. F'dan l-istat, attendiet għal-Laqgħa ta' Talb ta' Awissu 1992 u talbet bil-qalb għall-fejqan. Sa minn waqt il-laqgħa, Genoveffa ħasset ruħha normali. L-għada, marret għand it-tabib li, meta eżaminaha, sabha normali u qalilha biex ma tieħux aktar pilloli.

Dawn il-fatti u ħafna dettalji oħra jien irrekordjajthom kollha imma minħabba t-tul tagħhom ma stajtx inġibhom fil-fuljett.

***L-Editur.***

## L-Istatwa ta' San Mikiel

Fis-7 ta' Frar 1993, saret il-Laqgħa ta' talb, il-Girgenti, li fiha nkixfet l-istatwa l-ġdida ta' San Mikiel, imnaqqxa fil-ġebla mill-iskultur Montebello.

Ġuża Mifsud kienet ma tiflaħx u għalhekk ma ġietx għal-laqgħa; imma żgur li kienet magħna fl-ispirtu tagħha.



Mons. Buontempo għamel żewġ kelmiet qabel ma tbierket l-istatwa u fakkarna kif, fl-imgħoddi, fi tmiem kull quddiesa, konna ngħidu t-talba lil San Mikiel, biex jieqaf lix-xitan u jiddefendi lill-Knisja. Tajjeb li din it-talba ngħiduha spiss kif kienet qaltilna Ġuża. Għalhekk qed nerġgħu nġibuha f'dan il-fuljett.

Għaliex Ġuża ħasbet biex tagħmel statwa ta' San Mikiel? Hi qaltilna li l-Girgenti kien dehrilha dan l-Arkanġlu u wissiha li kien se jkollha tħabbat wiċċha ma' ħafna tfixkil u li kien se jkollha ħafna kontra tagħha. Qalilha dawn il-kelmiet:

> "Arma qalbek, arma l-korazza,
> il-kuraġġ; arma l-elmu għax ħa jtuk
> ħafna. Ix-xabla żommha misnuna biex
> min jiġi jattakkak tkun tista'
> tattakkah inti; għax ħa jkun hawn
> ħafna kontrik."

## TALBA LIL SAN MIKIEL

San Mikiel, Arkanġlu, idħol għalina fit-taqbida; kun int, il-għajnuna tagħna kontra l-ħażen u t-tnassis tad-demonju. Irażżnu Alla, nitolbuk bil-ħerqa. U Inti, l-aqwa fost il-qtajja' tas-Sema, itfa' bil-qawwa ta' Alla fil-qiegħ tal-infern lix-xitan u l-ispirti ħżiena l-oħra li jiġġerrew fid-dinja għat-telfien tal-erwieħ. Amen.